MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 226/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Maurice Saliba

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' principal ta' Maurice Hairdressing Salon, Crowne Plaza Hotel, Tigne, Sliema, talli meta l-ex impjegata tieghu Jacqueline Paton fl-4 ta' Settembru, 2001, jew f'jiem madwar dik id-data, taghtu avvis ta' temm ta' l-impjieg li kellu jkun ta' tmien gimghat, hu waqqafha mill-impjieg wara gimgha biss, u naqas li jikkumpensaha

tas-seba' gimghat ohra li ma hallihix tahdem, liema kumpens kellu jammonta ghas-somma ta' LM352.66.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 10 u 34 tal-Kap. 135 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu jhallas is-somma ta' tlett mija w tnejn u hamsin lira Maltin u sitta w sittin centezmu (LM352.66) lil Paton, u wara li rat l-Artikolu 41, in vista tac-cirkostanzi pero', lliberat lil Maurice Saliba bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

li l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni juru bl-aktar mod car illi ma kienx l-appellant li kien qal lil Paton biex titlaq 'l hemm wara l-incident li kellhom , izda kienet Paton li tefghetlu c-cwievet u telqet mill-hanut u qatt ma rraportat lura ghax-xoghol , kif jirrizulta mix-xhieda tal-appellant u ta' Michelle Dimech . L-Ewwel Qorti donnu skartat din ix-xhieda jew ma tathiex importanza probatorja mehtiega . Gie provat fuq bazi ta' probabbilta' li meta Paton indunat li giet skoperta, hi ma kellhiex triq ohra hlief titlaq; li fuq bazi ta' probabbilta' u buon sens ukoll l-appellant fehem kif hu ma kellu ebda interess jghidilha titlaq u dan peress li ried li Paton tati "hand over" partikolarment meta hi kienet responsabbli miz-zebgha tax-xahar tal-klienti ; illi l-Ewwel Qorti interpretat hazin il-linja difensjonali ghax id-difiza qall ma qalet li kellha xi gustifikazzjoni u kwindi li m'ghandhiex thallas in-"notice money" Li qalet id-difiza kien li Paton ma hadmitx in-"notice period" ghax ma gietx ghax-xoghol u kwindi ma kellhiex tithallas tax-xoghol li ma ghamlitx.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2004;

Rat l-ordni Taghha sabiex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell kif intavolat jirrikjedi ezami w revizjoni tal-apprezament tal-fatti maghmula mill-Ewwel Qorti tal-provi li jinsabu traskritti fil-process . Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.” [12.5.94]; “**ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**” [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .

“Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **“R. v. Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ".*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni li taghha nstab hati l-appellant .

Ikkonsidrat ;

Illi hemm bazikament zewg versjonijiet ta' kif graw l-affarijiet li wasslu ghal biex Jacqueline Paton spiccat tahdem fil-Maurice Hairdressing Salon gestit mill-appellant .

**Mario Caruana**, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Industrial and Employment Relations , xehed (fol. 3 u 4) li meta hu dahal fil-kaz irrizultalu  li Paton kienet allegat li kienet tahdem mall-appellant bhala hairdresser b’ paga ta’ LM50.38c fil-gimgha u kienet tatu in-notice ta’ tmin gimghat ghax kienet ilha impjegata hemm minn Gunju 1986 sa Settembru, 2001 . Wara li kienet hadmet gimgha notice l-appellant kien itterminalha l-impieg . Meta d-Dipartiment kien kiteb lill-appellant , dan kien irrisponda li ma kienx halliha tkompli tahdem in-notice - u esebixxa l-ittra in kwistjoni – ghax ghamlitlu xi hsarat waqt l-ewwel gimgha tan-notice u ghalhekk hass li kellu raguni gustifikata biex jitterminalha l-impieg . Paton pero’ kienet cahdet li kienet ghamlet xi hsara kemm waqt li kienet ghadha impjegata kif ukoll waqt iz-zmien tan-notice.

Mill-ittra data 26 ta’ Novembru, 2001 esebita a fol. 5 tal-process jidher li wara li l-appellant allega li Paton “*wilfully altered my clients’ hair colour records to the detriment of the clients and their grave consequence to their health”* zied jikteb : “*Once I have discovered such irresponsible act , I had no alternative but to dismiss her.”*

Skond ix-xhieda ta’ **Jacqueline Paton** (fols. 8 et seq tal-process) hi kienet ilha tahdem mall-appellant l-ewwel fis-salon tas-Sliema u aktar tard fil-lukanda Holiday Inn ghal xi ghoxrin sena . Meta spiccat kienet tircevi l-minimum wage . Hi kienet tat ir-rizenja taghha bi tmin gimghat *“notice*”  fil-bidu ta’ Settembru, 2001 . Hi hadmet gimgha minn din in-“notice period” ghaliex wara kien baghat ghaliha l-appellant u wara “xi naqra konflitt” , dan kien qalilha li mill-gimgha ta’ wara li bdiet fil-11 ta’ Settembru, 2001 setghet taqbad u ma tmurx ghax-xoghol, bla ma taha raguni ghaliex. Hi thallset sa fejn hadmet . Ma thallsitx id-differenza tan-“*notice period*” li ma hadmitx.

In kontroezami x-xhud cahdet li l-appellant kien akkuzaha li bidlitlu xi cards tal-kulur tax-xaghar tal-klienti . Hi kienet tefghetlu c-cwievet fuq il-bank ghax kien mar jghajjat maghha f’wiccha b’subghajh ippuntat lejha. Hi kienet iddecidiet li tirrizenja ghax kienet imdejjqa bl-

“underestimation” tal-appellant li kien iz-ziju taghha. Cahdet li ghamlet xi vendikazzjoni fil-car tat-tfajla li ghamlet xi insinwazzjonijiet kontra taghha w qalet li din it-tfajla kellha interess ghax kienet hadet postha li kienet ilha tistennieh hafna zmien. Baqghet issostni li l-cards esebiti kienu korretti u li kien hemm nieqes minnhom kienet it-teknika taghha li ma kienetx lesta li tghaddi lil hadd ghax kienet akkwistata meta siefret barra a spejjez taghha.

**L-Appellant** xehed (Fol. 16 et seq.) li Paton kienet in-neputija tieghu u kien harrigha hu fil-mestier tal-“hair dressing” u meta siefer barra kien tellaghha kemm il-darba mieghu . Il-hanut kienet tmexxieh hi u x’
aktarx kienet tirtu hi tispicca , ghax hu m’ghandux familja. Kienet tatu n-“notice” ta’ tmin gimghat bil-miktub u hu kien qalilha biex tahdem sakemm isib lil xi hadd biex jirriplecjha. Wara ftit kienu sabu li hafna formoli tal-kulur kienu tbdiddlu w meta hu rrinfaccja lil Paton b’dan il-fatt din qabdet u tefghet ic-cwievet hemm u bdiet tghajjat u telqet il-barra. Dak il-hin fil-hanut kien hemm Michelle Dimech l-assistenta tieghu. Hu kien wasal ghall-konkluzzjoni li kienet Paton li bidlet il-cards ghax dik il-“handwriting” taghha u hi kienet solament “in charge”

In kontroezami , l-appellant spjega li hu kien kiteb l-ittra lid-Dipartiment fejn “*inter alia*” kien kiteb : “*Once I have discovered such irresponsible act I had no alternative but to dismiss her*” ghax hu kien qed jirrispondi ittra li kitbulu tas-Social Service u mhux ghal kaz kif gara. Hu ma kien ra lil hadd b’ghajnejh ibiddel id-dyes imma Paton kienet “*in charge*” mill-kulur u li zzomm il-cards.

Meta rega’ xehed (Fol. 49 et seq.) l-appellant sostna li hi kienet telqet u la telqet hi, telqet hux u ma kienx illicenzjha. Ma hadmitx in-notice taghha ghax kif hu kien qalilha li bidlet xi forma ta’ kulur , qabdet tissuppervja , sabtet ic-cwievet u telqet. Hu kien kiteb l-ittra ghax kien irceva t-tieni ittra mill-Labour Office u hu ma kienx zamm kopja ta’ x’kien kiteb u kiteb “*according li hassejt wara dak il-hin. Li min ghamel affarijiet bhala sabutagg , deserved …to be dismissed.”* Izda hu ma kienx kecciha .

**Rose Galea** xehdet (fol-27 et seq.) li l-cards kienu jidhru alterati u ghalkemm hi ma kienet rat lil hadd jaghmel dan , sostniet li dan kien xoghol Paton ghax il-kaligrafija kienet tidher l-istess bhal taghha , ghalkemm hi ma hix esperta in materja. Din pero’ hi biss opinjoni tax-xhud u ghalhekk fic-cirkostanzi ta’ bla valur probatorju

**Michelle Dimech** xehdet (fols. 33 et seq.) li kienet ilha *“in charge*” mill-colours minn Ottubru, 2001 u kien ilha tahdem hemm hames snin . Qabel *“in charge*” mill-colours” kien hemm Paton li kienet izzomm records fuq il-cards hi . Meta Paton tat in-notice, hi indunat li l-cards kienu mibdula ghax hi taf x’inhuma l-*“codes*” tal-kuluri w indunat li ser tidher kerha hi u ghalhekk qalet b’ dan lill-appellant. Il-cards kienu gew mibdula bil-handwriting ta’ Paton . Meta l-appellant kellem lil Paton dwar dan, hi warrbet ftit biex ikunu jistghu jitkellmu wahedhom izda Paton issuppervjat u bdiet tghajjat u tefghetlu c-cwievet u telqet il-barra. Hi rat it-tlitt cards esebiti w assikurat lill-Ewwel Qorti li dawn kienu gew mibdula w li ma kienux tat-tlitt klienti rispettivi u tat ir-raguni teknika ghaliex.

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel punt ta’ fatt li jrid ghalhekk jigi stabilit hu jekk kienetx Paton li ddecidiet li ma tkomplix tahdem il-periodu tan-notice kollu ta’ tmin gimghat jew kienx l-appellant li waqqafha milli taghmel dan. Mill-provi fuq riassunti jidher li fil-waqt li Paton issostni li kien l-appellant li qalilha “wara xi naqra konflitt” biex mill-gimgha ta’ wara setghet taqbad u ma tmurx ghax-xoghol” , l-appellant isostni li kif appena hu kien irrinfaccja lil Paton bil-kwistjoni tal-*colour code cards* mibdula , hi kienet issuppervjat, bdiet tghajjat , sabbtitlu ic-cwievet u telqet il barra . Issa fil-waqt li l-unika persuna prezenti Micelle Dimech tikkonferma l-ahhar parti tal-incident u cioe’ meta Paton issuppervjat u tefghet ic-cwievet u telqet , ma tistax la tikkorrobora lil Paton u lanqas lill-appellant dwar x’ kien intqal fl-ewwel parti tal-konversazzjoni w dan ghaliex hi kienet warrbet ftit apposta biex thallihom jitkellmu bil-kwiet .

Izda l-provi ma jieqfux hawn ghaliex umbaghad hemm l-import ta’ dak li l-appellant innifsu kiteb lid-Dipartiment u t-tezi ta’ Paton li hi giet imkeccija hija korroborata minn dak li l-istess appellant kien kiteb lid-Department of Industrial and Employment Relations fis-26 ta’ Novembru, 2001 u senjatament fil-partijiet fuq riprodotti fejn l-appellant qal testwalment *:* ***“I had no alternative but to dismiss her.”***

Dan hu kliem car u ma jistax ma jiftiehemx fis-sens ordinarju tieghu . Inoltre hu ferm verosimili li jekk l-appellant kellu suspett fondat li Paton kienet qed twettaqlu sabotagg fir-records tal-klienti jirrejagixxi bil-mod li jkecciha minnufieh u ma hallihiex tkompli taghmel il-hsara li kien qed jissuspetta li kienet qed taghmillu . Ghalhekk anki fuq bazi ta’ probabblita’ u verosimiljanza, dak li qed isostni issa l-appellant mhux attendibbli .

Din il-Qorti - bhall-Ewwel Qorti – tissimpatizza mall-appellant li bhala employer seta’ hassu tradut mill-agir tal-impjegata li nzertat tigi minnu w ghalhekk irrejaggixxa bil-mod li wasal biex qalilha li tista’ ma tmurx izjed ghax-xoghol mill-gimgha ta’ wara , pero’ kif qalet l-Ewwel Qorti , din il-Qorti mhux kompetenti li tidhol fil-mertu jekk tali tkeccija kienetx gustifikata fic-cirkostanzi kif kien qed jarhom l-appellant dak il-hin u dana ghaliex , kif jiddisponi l-artikolu 75 (1) (a) tal-Kap.452 huwa t-Tribunal Industriali li ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra w jiddeciedi il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta.

Din il-Qorti taqbel ukoll ma l-Ewwel Qorti li l-kwistjoni li hemm quddiem din il-Qorti hi biss jekk l-impjegata Paton thallsitx l-ammont lilha dovut ghall-periodu tan-notice ta’ tmin gimghat li hi kienet lesta tahdem u li ma thallitx tahdem ghax giet imwaqqfa milli taghmel dan mill-appellant.

Issa skond l-artikolu 34 (9) tal-Kap.135 , li ghalkemm imhassar bil-Kap. 452 (Att XXII tat-2002 , Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industriali ) jibqa’ in vigore skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 12 (1) (d) u (e) tal-Kap.249 (L-Interpretation Act) ghall-fini tal-proceduri odjerni li kienu

gja bdew taht il-Kap.135, meta l-principal jircevi avviz ta' temm t'impieg minnghand l-impjegat , hu jkun jista' jaghzel jew li jhalli lill-impjegat li jkompli jahdem sakemm iz-zmien ta' l-avviz jaghalaq jew, f'kull zmien matul li jkun ghaddej iz-zmien ta' l-avviz, ihallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien tal-avviz li jkun fadal.

Fil-kaz in ezami , bl-agir tieghu l-appellant ma ippermettiex lill-Jacqueline Paton tkompli tahdem ghall-periodu intier tan-notice li f'dan il-kaz kien ta' tmin gimghat skond l-artikolu 34 (5) (d) tal-Kap.135 , izda ghal-gimgha wahda biss u ghalhekk kien obbligat li jhallas lill-impjegata somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta' l-avviz li kien fadal f'dan il-kaz seba' gimghat ohra.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettement ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' LM352.66c bazata fuq paga settimanali ta' LM50.38c li kienet qed tippercepixxi dak iz-zmien u dana a tenur tal-artikolu 41 (4) tal-Kap.135 indikat fis-sentenza appellata li ukoll kien ghadu applikabbli ghall-proceduri odjerni skond l-art. 12 (1) (d) u (e) tal-Kap.249.

Illi finalment ma sar ebda appell dwar  il-piena "ut sic" u f' kull kaz mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)

F' dan il-kaz l-Ewwel Qorti saggament applikat il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap.446 u lliberat lill-appellant b'kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt xhur u din il-Qorti ma tarax li ghandha raguni biex tvarja dan il-provvediment li kien indikat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata,  b'dana pero' li l-

periodu ta’ tlitt xhur li fih l-appellant m’ghandux jaghmel reat iehor ghandu jibda’ jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------